PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

9.5.2011 0025/2011

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-ħolqien ta' Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja

**Georgios Koumoutsakos, Hélène Flautre, Marian Harkin, Vittorio Prodi**

Data ta' skadenza: 15.9.2011

**0025/2011**

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-ħolqien ta' Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fl-Artikolu 214(5), jistipula: li, "Sabiex jiġi stabbilit qafas għal kontribuzzjonijiet konġunti minn żgħażagħ Ewropej għall-azzjonijiet ta' għajnuna umanitarja tal-Unjoni, għandu jkun stabbilit Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja",

B. billi l-Kummissjoni ħarġet Komunikazzjoni fit-23.11.2010 dwar "Kif iċ-ċittadini tal-UE jesprimu s-solidarjetà tagħhom permezz tal-volontarjat: L-ewwel riflessjonijiet ta' Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja",

C. billi l-2011 hija s-"Sena Ewropea tal-Volontarjat",

1. Jiddikjara li l-azzjoni umanitarja hija espressjoni fundamentali tal-valur Ewropew tas-solidarjetà;

2. Jenfasizza li t-tradizzjoni antika tal-volontarjat fl-Ewropa hija parti indispensabbli mill-identità Ewropea komuni tagħna;

3. Jenfasizza li l-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja se jkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini Ewropej billi jħeġġeġ il-parteċipazzjoni attiva tagħhom u billi se jkun qed jikkontribwixxi għal soċjetà iktar koeżiva;

4. Jistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jistabbilixxu regoli u proċeduri għall-funzjonament tal-Korp b'reazzjoni għad-diżastri u għax-xogħol biex jiġi stabbilit il-Korp mill-aktar fis possibbli;

5. Jikkunsidra li l-komponenti ewlenin tas-Servizz Volontarju għandhom ikunu l-identifikazzjoni u l-għażla ta' volontiera u t-taħriġ u t-tħejjija tagħhom;

6. Jenfasizza li s-Servizz Volontarju għandu jkun ibbażat fuq id-domanda u fuq il-ħtiġijiet u li s-sigurtà għandha tingħata importanza enormi;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-parlamenti tal-Istati Membri.